**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 51 – IT-TLIETA 27 TA' SETTEMBRU 2022**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**51.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

51.1.1 Ma kienx hemm.

**51.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

51.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (50) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

51.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 51.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

51.3.1 Ma kienx hemm.

## 51.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

51.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva l-*clearance* mingħand l-Awtorità tal-Artijiet nhar it-23 ta' Settembru 2022 dwar il-proġett propost tal-playground 'proposed upgrade to public playground including proposed shading structures over playground area and extension of rubber flooring'. L-Awtorità qed tagħti l-kunsens lill-Kunsill biex ikun f'pożizzjoni li jkompli bil-proċess ta' applikazzjoni mall-Awtorità tal-Ippjanar permezz ta' Development Permission application. Il-kunsens qed jingħata b'dawn il-kundizzjonijiet:

1. Id-dokumenti sottomessi mal-applikazzjoni kienu kompluti, korretti, preċiżi, u veritieri;
2. L-iżvilupp propost ma jmurx kontra l-kundizzjonijiet stipulati fil-konċessjoni;
3. L-ebda drittijiet ta' partijiet terzi m'huma qed jiġu miksura bl-iżvilupp propost;
4. M'għandu jagħti ebda dritt fuq il-proprjetà tal-Gvern li qabel ma kienux vestiti;
5. L-Awtorità tal-Artijiet m'għandha tinżamm fl-ebda ħin responsabbli għall-ispejjeż li jkunu saru wara li jinġieb il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-Segretarju Eżekuttiv innotifika lill-Perit tal-Kunsill biex ikun jista jipproċedi bl-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

51.4.2 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva komunikat mingħand CRPD dwar il-bankina eżistenti fi Triq Ġużè Muscat Azzopardi peress li l-Kunsill kien iddeċieda f'seduta li saret matul din il-leġiżlatura bi qbil unanimu li jekk hu possibbli ssir reviżjoni tal-bankina minħabba numru ta' lmenti li kien irċieva l-Kunsill mir-residenti tal-imsemmija triq.

Fakkar li l-Kunsill kien tkellem mall-Perit u kien tħejja *survey* tat-triq biex naraw x'inhuma l-possibiltajiet bl-ideja li jitħalla l-aċċess għal *pedestrian* filwaqt li titwessa l-karreġġjata biex il-vetturi ma jkollhomx għalfejn jititlgħu parti fuq il-bankina (partial parking on pavement) minħabba r-restrizzjoni tat-triq u l-parkeġġi fuq iż-żewġ naħat.

Fil-frattemp, saret laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar u saret komunikazzjoni ma' CRPD fejn il-Kunsill ta spjegazzjoni dettaljata dwar dak li qed jipproponi l-Kunsill.

Fuq dan il-punt, TORB (Test of Reasonableness Board under the Equal Opportunities Act) talab għal xi kjarifiċi fejn preżentement il-Perit qed jaħdem fuqhom.

51.4.3 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa li fil-preżent qed jiġu mnedija diversi skemi però d-*deadlines* ikunu wisq qosra biex wieħed ikun ippreparat għalihom. Żied jgħid li kien għalhekk li l-Kunsill tkellem mall-Perit dwar żewġ proġetti proposti għal titjib u tisbiħ taż-żona. Kien qed jirriferi għal proġett propost fi Triq Dun Karm li tmiss ma' Triq Ġużè Bonnici u proġett propost ieħor fi Triq in-Namur.

Is-Sindku qal li l-Kunsill jista joħloq proġett sabiħ fl-ispazju miftuħ ta' Triq Dun Karm fejn qed jipproponi li jsir parkeġġ sistematiku mdawwar bi strippi tal-ħamrija li fihom ikunu jistgħu jitħawwlu siġar tal-frott (orange grove). Imbagħad talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta impressjoni artistika a sodisfazzjon tal-Kunsillieri. Informa li l-Perit se jkun qed jaħdem fuq din il-proposta biex fl-eventwalità li toħroġ skema għall-opportunitajiet ta' fondi, il-Kunsill ikun pront jissottometti l-applikazzjoni għal dan il-proġett.

Imbagħad tkellem ukoll dwar il-ħsieb tiegħu li fi Triq in-Namur isir titjib u tisbiħ fil-parti fejn hemm ix-xagħri u r-raba'. Preżentement il-Kunsill m'għandux l-informazzjoni jekk l-art hiex proprjetà tal-Gvern jew le għaldaqstant saret talba lill-Awtorità tal-Artijiet biex ikun determinat jekk l-art hiex art tal-Gvern u jekk l-art hiex qed tinkera jew le. F'dan ir-rigward, ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Awtorità tal-Artijiet biex il-Kunsill jottjeni l-informazzjoni neċessarja.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li hemm il-potenzjal li din iż-żona tiġi organizzata u tissebbaħ anke bl-inklużjoni ta' '*herb garden*'.

Ikkonkluda li l-idejat qegħdin hemm u sabiħ li l-Kunsill joħlom bil-għan li jwettaq jekk isib ir-riżorsi u l-għajnuna minn entitajiet governattivi. Kompla billi qal li meta joħorġu dawn l-iskemi, waħda mill-kriterji tkun jekk il-Kunsill ikollux l-*ownership* tas-sit propost. Dan ifisser li l-Kunsill irid ikollu pussess legali fuq l-art jew titlu fuq l-art jew proprjetà. Dan il-kriterju jagħmilha diffiċli għal kwalunkwè Kunsill biex imexxi l-proġett propost 'il quddiem. Ikkonkluda li l-Kunsill se jkompli bil-proċessi permezz tal-Perit tal-Kunsill biex il-Kunsill jottjeni l-informazzjoni.

51.4.4 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras tkellem ukoll dwar dik l-art fi Triq Dott. Pawlu Grech fejn qal li nafu b'ċertezza li l-art hija proprjetà tal-Gvern u wara tentattivi li kienu saru fil-passat riċenti dwar l-użu tal-art, il-Kunsill jista jitkellem mall-Gvern biex jikkunsidra li din l-art tiġi żviluppata f'parkeġġ u ġnien tal-familja. Is-Sindku jħoss li r-residenti tal-Iklin jixirqilhom li jkollhom spazji pubbliċi għal rikreazzjoni u faċilment jista jsir *green project* bħal ma sar riċentement fil-lokalitajiet tal-Marsa u fil-Mosta mill-GreenServ bl-appoġġ ta' National Development and Social Fund.

Is-Sindku ippropona li jitlob laqgħa mall-Onor. Ministru Miriam Dalli biex niddiskutu magħha dan il-proġett fejn din l-art abbandunata tkun tista tiġi utilizzata aħjar u tingħata lill-pubbliku fejn l-ispazju jiġi ttrasformat fi ġnien għat-tgwadija tal-familji Ikliniżi u l-lokalitajiet ġirien.

51.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed taħdem fuq proġett sabiex jiġi mfakkar it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġewwa pajjiżna. Proġett li jixtiequ li jkun tagħkom il-Kunsilliera u Kunsilli Lokali, u se jkunu qed jagħtuh bixra nazzjonali u Internazzjonali. Qed jitolbu lil kull lokalità sabiex tindika liema hi dik ix-xi ħaġa li hija sinonima jew tirrappreżenta l-lokal tagħna. Is-Sindku qal li jekk hemm tema li nistgħu nintrabtu magħha hija x-xitla tal-klin. Ix-xitla tal-klin (rosemary shrub) hija sinonima ma' din il-lokalità kemm minħabba l-isem tal-lokal u wisq aktar għaliex il-Kunsill matul dawn l-aħħar snin ħoloq l-attività Festa Fjuri b'rabta speċjali mall-klin u kien il-Kunsill li reġa qed iħawwel u jkabbar ix-xitel tal-klin f'diversi partijiet madwar l-Iklin.

51.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li nhar il-5 ta' Novembru se ssir il-Laqgħa tas-Sindki ġewwa The Wine Vaults MonteKristo Estate u fejn ikkonferma l-attendenza tiegħu.

## 51.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

51.5.1 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk tistax tagħmel kuntatt mall-Ministeru tal-Ambjent, Enerġija u l-Intrapriża biex il-Kunsill jiltaqa fl-immedjat.

Is-Sindku Dott. Sciberras ta l-inkarigu lill-Kunsillier Farrugia biex tagħmel il-kuntatti.

51.5.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar il-pjanijiet li ressaq is-Sindku waqt il-komunikazzjoni dwar titjib u tisbiħ fi Triq Dun Karm u Triq in-Namur. Il-Kunsillier Catania żied jgħid li hu kien jaqbel ma' dawn il-pjanijiet però staqsa jekk hemmx il-ħsieb li jsiru ġiebja minħabba t-tisqijia. Qal li kien importanti li l-Kunsill jaħseb ukoll għaż-żamma tal-proġett.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li jaqbel perfettament mall-ħsieb tal-Kunsillier Catania u żied jgħid li meta jsiru *soft landscaping projects*, il-proġett ikun jinkludi wkoll għal sistema ta' *drip irrigation*.

51.5.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa jekk il-pjan dwar titjib u tisbiħ ta' Triq Dun Karm fejn is-Sindku semma li l-proġett ikun jinkludi parkeġġ organizzat u tħawwil ta' siġar adatti, staqsa jekk il-Kunsill jikkunsidrax li l-parkeġġ isir forma ta' *fish bone* type parking bil-possibiltà jidħlu aktar vetturi.

Is-Sindku wieġeb li dan is-suġġeriment ser jgħaddih lill-Perit għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

51.5.4 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk l-*outdoor bookshelf* li kienet ġiet ordnata xhur ilu biex tiġi stallata fi Pjazza Ninu Cremona kienx wasal iż-żmien li tittieħed f'postha issa li qed nerġgħu mmorru għan-normalità wara l-pandemija tal-COVID-19.

Is-Sindku Dott. Sciberras ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

51.5.5 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk il-Kunsill jikkunsidrax jinkludi attività bit-talenti tal-lokal għax tista toħloq interess kbir fost il-komunità.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li hija ideja sublimi u ta min jaħdem fuqha fil-mument opportun.

51.5.6 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk il-Kunsill jikkunsidrax jimplimenta sleeping policeman fi Triq ir-Razzett l-Aħmar minħabba li l-imsemmija triq tintuża two-way traffic minkejja li t-triq ma tippermettix u l-vetturi jgħaddu bi speed eċċessiv.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li tajjeb li l-Kunsill jintroduċi miżuri ta' mitigazzjoni biex ikunu evitati l-inċidenti. Semma wkoll li l-Kunsill kien ikkummissjona lill-Perit tal-Kunsill biex iħejji rapport dwar dik iż-żona bil-ħsieb li jsir titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku. Filwaqt li ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex nintroduċu speed humps f'partijiet kruċjali ta' din it-triq, ikun tajjeb li jerġa jsir tentattiv mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex issir laqgħa fl-immedjat dwar l-immaniġġjar tat-traffiku propost ta' din iż-żona.

## 51.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

51.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn id-29 ta' Awwissu u l-25 ta' Settembru 2022 kif jidher fid-dokument A u B.

51.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1572/22. Il-Parroċċa Familja Mqaddsa se torgnizza żjara kulturali f'Għawdex.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien ipprovda t-trasport għat-tfal li jattendu l-katekiżmu.

51.6.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1672/22. Korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex dawk il-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali li jkunu nteressati li jibbukkjaw slot waqt il-programm televiżiv 'illum ma' Steph' bejn Ottubru u Ġunju 2023, jistgħu jirreġistraw l-interess.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill applika għal slot fuq dan il-programm biex nippromwovu l-proġett li tlesta mill-Kunsill dwar ir-restawr u rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ fi Sqaq in-Namur, Sqaq Ġiarda, parti minn Triq Għargħur u Richard Taylor.

51.6.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1734/22. EPRT - Avviż ta' smiegħ – PA 5448/16. To construct petrol/service station, car wash, ATM and fixing of signs.

Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk din l-applikazzjoni kenitx qed tirreferi għas-sit f'Tal-Balal.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-appell kien dwar l-applikazzjoni għall-pompa tal-petrol fi Triq tal-Balal.

51.6.5 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1590/22. Fattura mingħand il-WasteServ dwar waste tipping fees.

51.6.6 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1604/22. Aċċessibilità fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali staqsa jekk l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill huwiex aċċessibbli. Fir-risposta tagħna weġibna li kien ġie istallat *stair lift elevator.*

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | **COMPLAINTS SHEET**<br>**29 Aug – 25 Sep 2022** | | | |
| | | | | | |
| **Ref.** | **Date** | **Description** | **Status** | **Address** | **Organisation** |
| 217 | 30/08/2022 | Ħofra taħt il-bankina biex titranġa quddiem il-Cafeteria Triq il-Klin | Settled | Triq Il-Klin | **Council** |
| 218 | 30/08/2022 | Hemm arblu tad-dawl li għandu l-bieba nieqsa fi Triq in-Naxxar | Pending | Triq in-Naxxar | **Enemalta** |
| 219 | 30/08/2022 | Ġrieden fl-għalqa ta' Triq Karmenu Vassallo c/w Trejqet ir-Rumanzieri | settled | Triq K Vassallo | **Sanità** |
| 220 | 31/08/2022 | Ħmieġ tas-siġar fuq il-bankina fit-Triq A Buttigieg | settled | Triq A Buttigieg | **Kuntrattur** |
| 221 | 31/08/2022 | Ħmieġ tas-siġar fuq il-bankina fi Triq il-Wied quddiem ir-residenza 'Graceland' | settled | Triq il-Wied | **Kuntrattur** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 222 | 02/09/2022 | Xi ħadt baqa' dieħel f'charger (electric pillar) fi Triq l-Awrekarja u tkissret | pending | Triq l-Awrekarja | **TM** |
| 223 | 02/09/2022 | Ilment, 107, Triq il Wied, karozzi bi speed eċċessiv tant li seħħ inċident. | pending | Triq il-Wied | **Council/ TM** |
| 224 | 02/09/2022 | Talba biex isiru xi tabelli biex ma jħammġux bil-klieb fil-passaġġ bejn Triq K Vassallo u Triq A M Caruana | Pending | Triq K Vassallo | **Council** |
| 225 | 06/09/2022 | 14, Triq P A Cuschieri re-instatement ta' gandott li sar 4/8/2022 | pending | Triq P A Cuschieri | **WSC** |
| 226 | 06/09/2022 | Ilment dwar ġrieden fi Triq Għargħur u Sqaq Giarda, fejn qedin iħaffru għal bini | settled | Triq Għargħur/Sqaq Giarda | **Sanità** |
| 227 | 06/09/2022 | Bozza central hanging W9528 maqtugħa fi Triq E S Inglott. | pending | Triq E S Inglott | **Kuntrattur** |
| 228 | 06/09/2022 | Talba biex tinkines Triq A M Caruana | pending | Triq AM Caruana | **Kuntrattur** |
| 229 | 07/09/2022 | Għadda trakk tal-konkos minn Triq ES Inglott u mela t-triq biż-żrar u l-konkos | settled | Triq E S Inglott | **Public Cleansing Dept.** |
| 230 | 07/09/2022 | Resident joqgħod il-parti ta' fuq ta' Triq PM Vella u jixtieq li jitnaqqas id-double yellow line li hemm sal-garaxx tiegħu għax mhux qed ikun jista jipparkja quddiem il-garaxx. Id-double yellow line huwa twil ħafna allura hemm minn fejn. | pending | Triq P.M. Vella | **Council** |
| 231 | 16/09/2022 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq G. Mamo | settled | Triq G. Mamo | **Sanità** |
| 232 | 16/09/2022 | Talba biex il-bin ta Triq Anton Buttigieg jinbidel għal Doggy bin | pending | Triq Anton Buttigieg | **Council** |
| 233 | 19/09/2022 | Ġrieden mejtin fi Triq G M Azzopardi u Triq Giovanni Curmi | settled | | **Kuntrattur** |
| 234 | 19/09/2022 | Ilment li hemm garage mitluq u jaraw il-ġrieden 32/34 fi Triq G Curmi | pending | Triq G Curmi | **Council** |
| 235 | 20/09/2022 | Barrier tal-ħadid fi Triq San Mikiel (ħdejn il-parking tal-JB) | pending | Triq San Mikiel | **Police** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 236 | 20/09/2022 | Wire ta lampa mall-ħajt maqlugħ fi Triq C Bugeja c/w Triq S Erardi | Pending | Triq C Bugeja c/w Triq S Erardi | **Kuntrattur** |
| 237 | 22/09/2022 | Suġġeriment biex Triq iċ-Ċitru issir one-way traffic l-isfel. | pending | Triq iċ-Ċitru | **Council** |
| 238 | 22/09/2022 | Ilment rigward kaptelli miksura fejn MRCD | pending | Triq iċ-Ċitru | **Council** |
| 239 | 22/09/2022 | Tappiera telgħet fi Triq G Abos fejn roundabout | settled | Triq San Mikiel | **WSC** |
| 240 | 23/09/2022 | Suġġeriment biex isir servizz ta' trasport bħala għajnuna għall-anzjani. | pending | Mons. P.P. Saydon | **Council** |
| 241 | 23/09/2022 | Ingress ta' ilma tax-xita fi proprjetà residenzjali li tiġi adjaċenti mas-Sala tal-Kunsill | pending | Triq L.F. Mizzi | **Council** |

## 51.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

51.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

51.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Godwin Catania.

51.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 51.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

51.8.1 Applikazzjoni PA 05918/22 – Triq il-Wied L-Iklin. Correction of site plan from that approved in PA 9487/18.

51.8.2 Applikazzjoni PA 05682/22 – Triq il-Bruka, Iklin. 'Alterations to existing dwelling, including internal and external alterations, construction of roof parapet wall and setback roof structure, excavation works to accomodate pool, alterations to landscaping, and

repairs to replacement and extension of garden party walls.

51.8.3 Applikazzjoni PA 05703/22 – Triq il-Wied c/w Triq l-Awrekarja, Iklin. 'Proposed alterations and additions to a private residence to include internal and external alterations and removal of domestic store and external staircase.

## 51.9 POST MORTEM IKLIN CLEANUP DAY

51.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar il-Clean Up li saret nhar is-17 ta' Settembru fejn qabel xejn irringrazzja lill-parteċipanti kollha biex l-attività setgħet tirnexxi. Is-Sindku faħħar lill-Iklin Scout Group u lill-Lija Iklin Football Youth Nursery għall-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom u anke lir-residenti li ġew jagħtu l-kontribut tagħhom. Is-Sindku għamel osservazzjoni dwar il-fatt li ġew kopja Taljani li jirrisiedu fl-Iklin li ħa gost ħafna bihom għax għażlu li joffru mill-ħin tagħhom biex jingħaqdu f'din il-kampanja a favur l-ambjent. Dan l-eżempju jikkonferma li l-Kunsill rnexxielu jwassal il-messaġġ lill-kommunità kollha tal-Iklin.

51.9.2 Il-Kunsillier Godwin Catania esprima d-diżappunt tiegħu dwar il-parteċipazzjoni tar-residenti filwaqt li faħħar l-entużjażmu ta' Lija Iklin Football Youth Nursery u Iklin Scout Group fejn dawn it-tfal flimkien mas-superjuri tagħhom għamlu differenza fil-lokal. Kompla billi qal li tajjeb li wieħed jikkummenta u jikkritika fuq il-mezzi soċjali però kien jistenna aktar parteċipazzjoni min-naħa tar-residenti.

51.9.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit qal li hu ma setax jattendi minħabba raġuni ta' xogħol però wasallu kumment pjuttost negattiv u xtaq jaqsmu mall-Kunsillieri għaliex il-kumment kien jgħid li sa fl-aħħar il-Kunsill qed jammetti li l-lokalità kollha ħmieġ. Iħoss li mhux kumment ġust meta l-Kunsill qed jagħmel l-isforzi kollha tiegħu biex il-lokal jinżamm fl-aħjar stat ta' indafa possibbli. Residenta oħra li tirrisiedi fiż-żona kummerċjali tilmenta mill-ħmieġ li tiġġenera l-attività kummerċjali u titlob lill-Kunsill biex jieħu azzjoni.

Ikkonkluda li l-Kunsill qed jiġbor l-iskart li jħammeġ ħaddieħor. Il-Kunsill qed jiġi kkritikat għax in-nies iħammġu.

51.9.4 Il-Kunsillier Godwin Catania qal li hu kien ukoll avviċinat minn resident fiż-żona kummerċjali u ressaq suġġeriment biex il-Kunsill jitkellem mas-sidien tal-ħwienet tan-negozju biex jintroduċu *litter bins* żgħar fejn il-bieb ta' barra biex il-*users* ikollhom fejn jiddisponu mill-iskart.

51.9.5 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-kampanja CleanUp kien messaġġ biex tingħaqad il-komunità. Persważ li l-komunità kienet taf bl-attività għaliex saret il-pubbliċità kemm fuq il-mezzi soċjali u wkoll permezz ta' materjal stampat li wasal f'kull residenza fil-lokalità. Żied jgħid li l-atteġġjament tal-Kunsill irid imur lil hemm mill-individwi u rridu nkomplu nedukaw. Sfortunatament tiltaqa ma' residenti partikolari fejn jidher ċar li m'hemmx goodwill. Il-Kunsill irid jibqa jippersevera u jibqa jaħdem biex jilħaq l-għanijiet tiegħu permezz ta' dawn l-attivitajiet biex jinħoloq *community engagement*.

Is-Sindku irrefera għal NGO Żibel fejn matul is-Sajf li għadda ġew organizzati numru ta' attivitajiet fil-bajjiet fejn qed jagħmlu sforzi tanġibbli permezz ta' CleanUps li saru norma u qed jippruvaw idaħħlu din il-mentalita fl-imħuħ tal-ġenerazzjonijiet li jiġu warajna. Ikkonkluda li tkun ħaġa tajba li nitkellmu ma' din l-NGO bil-possibiltà li tiġi organizzata CleanUp bil-kollaborazzjoni ta' din l-NGO u mall-Komunità kummerċjali.

## 51.10 POST MORTEM END OF SUMMER EVENT

51.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar l-attività li ttellgħet fil-pjazza bil-kollaborazzjoni tal-Community Policing u Iklin Scout Group nhar il-21 ta' Settembru. Huwa irringrazzja lill-Community Policing tal-impenn tagħhom u lill-Iklin Scout Group tal-kollaborazzjoni sħiħa tagħhom fejn anke ħasbu għas-servizz tal-ikel u x-xorb bil-mod tradizzjonali tagħhom. Is-Sindku faħħar il-*performance* tal-*impersonator* li kien mistieden għal din l-attività li huwa resident mill-Iklin u rringrazzjah li offra l-ħin tiegħu biex iferraħ lill-udjenza preżenti.

Is-Sindku żied jgħid li ma kienx sodisfatt bl-attendenza u ta raġunijiet għaliex seta wassal għal dan. Il-ġurnata kienet waħda sħuna u fil-pjazza m'hemmx fejn wieħed jistkenn mill-qilla tax-xemx. Ippropona li l-Kunsill jista jikkunsidra l-area tal-Ġnien u l-playground għal attivitajiet futuri anke jekk 'il quddiem il-playground jiġu stallati *sail shades*.

51.10.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia ikkummentat b'mod pożittiv fejn rat differenza fl-attendenza min-naħa tar-residenti però temmen li kien wasal iż-żmien li dawn l-attivitajiet jiġu rreklamati barra mir-raħal. Żiedet tgħid li l-lokalità tal-Iklin, huwa dak li hu, kif fil-fatt ħareġ mill-istudju li sar mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà. L-iżvantaġġ li fil-lokal m'hawnx Każini tal-Baned, għaqdiet tal-armar, u għaqdiet oħra, il-lokal se jkun dejjem fi żvantaġġ għaliex dawn l-għaqdiet jattiraw ħafna membri. L-involviment tagħhom f'dawn l-attivitajiet huma kruċjali.

51.10.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit qal li r-residenti li jgħixu fl-Iklin ma jħossuhomx jappartjenu lil dan il-lokal u din qed tkun riflessa fl-attivitajiet. Semma l-attività kulturali li jorganizza r-raħal ta' Ħal Qormi fejn hemmhekk tara s-saħħa tan-nies. Hemm is-saħħa tal-għaqdiet li tarahom attivi f'dawn it-tip ta' festivals.

51.10.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issuġġeriet li meta l-Kunsill jiġi biex jorganizza dawn l-attivitajiet, għandhom isiru banners bil-pubbliċità u jiġu stallati f'postijiet prominenti fil-lokal.

51.10.5 Il-Kunsillier Godwin Catania stqarr li hu kien jippreferi li l-attivitajiet jkunu mmirati għan-nies tal-post għax b'hekk tista tissaħħaħ l-identità tal-post u possibilment bil-parteċipazzjoni tar-residenti tal-Iklin.

51.10.6 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li jekk il-Kunsill irid jibni pont mar-residenti tiegħu, jeħtieġ li nippruvaw metodi oħra, u forsi bidla fl-approċċ tal-marketing.

## 51.11 FINANZJAMENT TA' PROĠETTI KAPITALI – KOMUNITAJIET ISBAĦ U AKTAR B'SAĦĦITHOM

51.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li d-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy nieda skema dwar finanzjament ta' proġetti kapitali – komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom.

Is-Sindku spjega l-kontenut u qal li l-Kunsill jista jibbenifika minn proġett li tista tgħin lill-anzjani ta' din il-komunità. Fid-dawl tal-istudju li l-Kunsill wettaq mal-Università ta' Malta preċiżament mall-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà ftit tax-xhur ilu, l-għan ta' dan l-istudju kien sabiex il-Kunsill jifhem aħjar il-ħtiġijiet ta' din il-komunità. Dan l-istudju qed jgħin lill-Kunsill jifhem lill-komunità, jagħraf in-nuqqasijiet u jaħdem fuq proposti u rakkomandazzjonijiet dwar kif l-istess proposti ikunu jistgħu jersqu 'il quddiem. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku ressaq proposta fuq il-mejda għad-diskussjoni biex il-Kunsill jissottometti proposta għal servizz ta' trasport nadif intra-komunitarju għal persuni 60+.

L-ideja li l-Kunsill jagħmel eżerċizzju għall-akkwist pubbliku biex jixtri Electric MPV (8,9 jew 10 seater) fejn il-Kunsill jipprovdi servizz ta' trasport nadif lill-anzjani. Peress li l-lokalità tal-Iklin m'għadx għandha ATMs, klinika, u servizzi oħra essenzjali, il-Kunsill qed jara l-ħtieġa li l-anzjani jkollhom servizz effiċċjenti u fl-istess waqt inkunu qed innaqqsu t-traffiku minn fuq it-toroq tal-Iklin.

L-objettiv tal-Kunsill ikun dak li jipprovdi servizz ta' trasport nadif għall-Isptar Mater Dei, B'Kara Health Centre u sabiex jinqdew mill-Banek Kummerċjali. Is-servizz jibda jintuża fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu u s-servizz ikun aġġustat skont id-domanda. Kompla billi qal li l-Kunsill jista jimmassimizza mir-riżorsi umani li għandu l-Kunsill fil-preżent permezz tal-impjegati assenjati mall-Kunsill sabiex parti mir-rwol tagħhom ikun dak ta' chaffeur. Il-Kunsill se jkun ippreparat li x-xufiera jottjenu liċenza valida biex jagħmlu użu mnn din il-vettura. Il-Kunsill jaħseb biex tiġi istallata *electric vehicle charging point* fil-viċinanzi tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u jew tas-Sala tal-Kunsill.

Is-Sindku jidhirlu li din hija t-triq ‘il quddiem għall-futur sostenibbli.

51.11.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia laqgħet il-proposta b’interess u tat l-appoġġ sħiħ tagħha dwar din il-proposta.

51.11.3 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li jekk il-proġett propost jikkwalifika u l-Kunsill ikun eliġibbli għall-fondi, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża.

51.11.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprovaw il-proġett propost u tiġi sottomessa l-applikazzjoni. *Nem con*.

51.11.5 Il-Kunsill approva unanimament il-ko-finanzjament ta’ 15% li jrid jassorbi l-Kunsill mill-allokazzjoni tiegħu u ċioè awtorizza l-ispiża.

51.11.6 Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jipprepara l-applikazzjoni flimkien ma’ dokumentazzjoni oħra biex tiġi sottomessa lid-Direttorat sal-14 ta’ Ottubru.

## 51.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

51.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 25 ta’ Ottubru 2022 fil-5.30 p.m.

51.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta’ nhar it-Tlieta, 25 ta’ Ottubru 2022 fil-5.30 pm.

51.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.40 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |